MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 241/2011

**2A Company Limited (C-44598)**
**gja’ E Marketing Limited**

**Vs**

**Oliver Zammit (ID 462766M)**
**u Dorothy Zammit Lauro (ID 331871M)**
**solidalment bejniethom**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti, solidalment bejniethom, jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta’ (€9723.36) disat elef seba’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sitta u tletin centezmu dovuta mill-konvenuti, kwantu ghal tmint elef tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u tletin centezmu (€8383.36) rappresentanti bilanc dovut u rikonoxxut mill-konvenuti ai termini ta’ skrittura firmata bejn il-partijiet datata 4 ta’ Frar

2011 kif ukoll elf tlett mija u erbghin ewro (€1340) rapresentanti imghax legali kkalkolat mid-9 ta' Lulju 2010 sallum.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet legali ulterjuri kontra l-konvenuti solidalment li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbal tas-seduta tallum stess minn fejn jidher li l-konvenuti, permezz tal-Avukat difensur taghhom, ammettew it-talbiet attrici b'dan li, bi qbil bejn il-partijiet is-sentenza ma tkunx esegwibbli qabel it-30 ta' Novembru 2011.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' €9723.36 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtoratorju tas-26 ta' Lulju 2011. Il-Qorti tordna ukoll illi din is-sentenza tista' tigi esegwita wara t-30 ta' Novembru 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------